

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Marzu 2019 — Coesia vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' żewġ kurvi ħomor oblikwi)**

(Kawża T-829/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta żewġ kurvi ħomor oblikwi — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”)*

(2019/C 164/48)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Coesia SpA (Bologna, l-Italja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Settembru 2017 (Każ R 1272/2017-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal figurattiv li jirrappreżenta żewġ kurvi ħomor oblikwi bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Coesia SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 63, 19.2.2018.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2019 — Deray vs EUIPO — Charles Claire (LILI LA TIGRESSE)**

(Kawża T-105/18) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali LILI LA TIGRESSE — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti TIGRESS — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2019/C 164/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: André Deray (Bry-sur-Marne, Franza) (rappreżentant: S. Santos Rodríguez, avukat)